jafx x'jiġifieri. Is-Sur Zarb ilu ghoxrin sena jghallem u ghalhekk jaf x'ghandu jghallem, kif ighallmu u meta jghallmu. Kollox jimxi bil-mod, imma kollox mahsub tarġa tarġa u l-istudent jitla' sa l-oghla quċċata minghajr tbatija jew gheja. U hekk ghandu jkun ix-xogħol meta jkun mahsub ghall-istudenti ta' l-iskejjel taghna.

U l-qofol tal-ktieb ta' A. Zarb f'din il-kapaċità li ghandu biex ighallem regola u mbaghad iharreġ l-istudent jolqotni. Taghlim prattiku tassew. Nirrikmandah bil-qalb, ghax hekk inhoss. U nżid: mhux biss l-istudenti ghandhom ghalfejn jieħdu pjaċir b'dal-ktieb imma anke s-surmastrijiet. Dawn mhux ser jitghallmu xi haġa ġdida veru, imma kemm hija haġa sabiha li tal issib ktieb ieħor li jghinek biex taghżel tahriġ ta' fejda ghall-klassi li jkollok taht idejk. U l-klassi li qed nahseb fiha jien minn Standard Five tal-Primarji sas-Sesta tal-Leceo jew Sekondarja.

Taf x'nirrakkomanda lill-awtur: li kieku jaghmel tajjeb hafna lil dak l-istudent li mhux jattendi skola u qed jaghmel ħiltu biex jistudja d-dar wahdu jew fil-hin liberu tieghu r-raġel tax-xogħol, li kellu ktejjeb żghir li jaghti s-soluzzjoni tat-tahriġ tal-ktieb. Barra minn Malta kotba bhal dawn aktarx issibilhom dak il-ktejjeb li jinbiegh ghalih u li nseihulu 'KEY'. U hemm haddieħor li jkun jista' jgawdi mill-ktieb u l-'key', u huwa dak l-istranġier li jitħajjar jifhem u jitghallem xi haġa fuq l-ilsien Malti; u xi nghidu ghal dawk l-eluf ta' Maltin li hallew gżiritna u qegħdin imsefrin?

L-aħħar kumpliment lis-Sur Zarb: GRAZZI.

REGINALD VELLA TOMLIN.

TISWIJIET FL-ISTAMPA

Fl-istudju kritiku ta' A.Z. taht it-titlu ta' *Karmenu Vassallo—Poeta u Filosfu* li deher f'"Il-Malti" ta' Diċembru, 1962, isiru dawn it-tiswijiet:

Fil-paġna 104, vers 15. Wara l-kelma *pjan* jiżdiedu l-kelmiet: *etern li sawwar f'moħħ il-Hallieq, ġens il-bniedem.*

Fil-paġna 106, vers 18. Titnehha l-virgla bejn il-kelmiet *jiħrax* u *ikasbar*. Vers 24. Il-kelmiet: *But quick—eyed Love*, jinqraw: *But quick-eyed Love*

Fil-paġna 107, vers 2. Il-kelmiet *Francois Maurice* jinqraw *François Mauriac.*

IR-REV. PATRI EDMUND F. SUTCLIFFE, S.J.

Telfa ta' hasra u niket hija wkoll dik tal-mewt tar-Reverendu Edmund Felix Sutcliffe, S.J., li ġrat m'ilux f'Heythrop, Oxford, l-Ingilterra. Sutcliffe huwa l-awtur tal-Grammatika Maltija bl-Ingliż, li kienet harġet l-ewwel darba fl-1936, meta l-Malti, bl-ortografija tal-Ghaqda, kien dahal bhala materja ta' studju fl-Iskejjel tal-Gvern u fl-Università, kif ukoll fil-Qrati, u Atti Leġislativi. Minn dak iż-żmen Patri Sutcliffe sar il-habib ta' bosta Maltn, l-aktar tal-Ghaqda, li taghha kien Membru Korrispondent. Il-Grammatika Maltija tieghu timxi fuq il-prinċipji u r-reguli ortografiċi tal-kitba tal-Ghaqda, bi kriterji xjentifiċi, li jghoddu iktarx ghall-mohh ta' studjużi milli ghat-taghlim elementari tal-Lsien Malti.

Sutcliffe kien Professur tal-Lhudi u tat-Testment il-Qadim fil-Kulleġġ ta' Heythrop. Barra minn Grammatika Maltija bl-Ingliż, huwa kiteb diversi kotba sagri, fosthom "The Monks of Qumran", "Providence and Suffering", "A Two Year Ministry" fejn wera li l-Hajja Pubblika ta' Kristu fid-dinja kienet ta' sentejn u mhux ta' tliet snin. Kien wiehed mill-edituri tax-xogħol kbir tal-"Kommentarju ta' l-Iskrittura Mqaddsa", li jittratta fuq l-istudji li s'issa saru fuq l-Iskrittura. L-ahhar xogħol tieghu kienet it-traduzzjoni tat-Testment il-Qadim li kien ghadu jkteb sa meta ghalaq ghajnejh.

Xi hadd iktarx ghadu jiftakar il-kontribuzzjoni tieghu "A Christmas Reverie", li kienet dehret fin-Numru tal-Milied ta' l-1957 f'"The Sunday Times of Malta".

Kien bniedem tar-ruh, imsemmi ghall-karattru dhuli u helu tieghu ma' kull min kien isir jafu.

KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA TAL-GĦAQDA

Ir-Rużarju. Perjodiku. P. Valentin Barbara, O.P. Vol. XIV. Jannar-Marzu, 1963. Nru. 4.

Raġel bil-Ghaqal. Rakkont. Ta' Ġużè Galea. Ediz. 1958.
Żmien l-Ispanjoli. Ta' Ġużè Galea. Ediz. 1962.
The Teacher's Companion. Ant. Agius. 1962.
The Way Ahead. Ant. Agius, Book One. 1962.